MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 51/2005

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Emanuel Balzan**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Il-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm981.00 bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut n konnessjoni ma' mobile phone bin-numru : 99448323.

Il-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihlaas baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data

meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv."

Ra l-kapitoli pprezentati mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2005.

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tallum, minghajr ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu fis-seduta tallum;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM981 ammont dovut ghal servizzi resi mis-socjeta' attrici bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz tat-talba u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont pretiz u kkanonizzat kien dovut sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------